V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9125 — Klio/Bertelsmann/Holtzbrinck/Skoobe)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 375/06)

1. Fid-9 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Skoobe GmbH ("Skoobe", il-Ġermanja),

— Klio GmbH ("Klio", il-Ġermanja),

— Georg von Holtzbrinck GmbH & Co. KG ("Holtzbrinck", il-Ġermanja),

— Verlagsgruppe Random House GmbH ("Random House", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Bertelsmann SE & Co. KGaA ("Bertelsmann", il-Ġermanja),

— Arvato CRM Solutions GmbH ("Arvato", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Bertelsmann ukoll.

Klio, Holtzbrinck, Random House u Arvato jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3 (4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll konġunt ta' Skoobe kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Skoobe toffri kiri temporanju ta' kotba elettroniċi fuq il-pjattaforma online www.skoobe.de u permezz tal-apps proprji tagħha.

— Klio hija attiva bħala bejjiegħ tal-kotba bl-imnut permezz tas-sussidjarja tagħha Thalia Bücher GmbH.

— Holtzbrinck hija kumpanija tal-midja internazzjonali li tinsab fi Stuttgart u li hija attiva fil-kummerċ tal-pubblikazzjoni tal-kotba, l-edukazzjoni u x-xjenza, gazzetti u rivisti kif ukoll mezzi u servizzi elettroniċi.

— Random House hija dar tal-pubblikazzjonijiet Ġermaniża ta' Bertelsmann attiva fil-qasam tal-kotba tan-novelli u mhux tan-novelli, kotba għat-tfal u l-adolexxenti, kotba awdjo u kotba elettroniċi. Random House hija kkontrollata minn Bertelsmann, grupp internazzjonali tal-midja, tas-servizzi u l-edukazzjoni preżenti f'madwar 50 pajjiż b'attivitajiet fuq it-TV, ir-radju, il-pubblikazzjoni tal-kotba u l-gazzetti, mużika kif ukoll f'servizzi oħra marbutin mal-midja u l-komunikazzjoni.

— Arvato hija kumpanija internazzjonali tas-servizzi ta' Bertelsmann li toffri diversi servizzi tekniċi *inter alia* fil-qasam tal-loġistika, is-servizz lill-klijent u il-ġestjoni, il-finanzi u soluzzjonijiet bit-teknoloġija tal-informatika.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1] jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9125 — Klio/Bertelsmann/Holtzbrinck/Skoobe

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.